TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1658

KAZ NRU. 2184

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Portelli

u

Casma Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 16 ta' Jannar 2006.

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribujnal Industrijali b 'nota prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fil-5 ta' April 2004.

It-Tribunal zamm tmien seduti.

John Portelli, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Marvic Debarro u Casma Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Anthony DeGiovanni assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-appellant qal li, wara perijodu ta' sick leave certifikat mit-tabib tal-Kumpanija, kien rega' dahal ghax-xoghol fl-1 ta' Jannar 2004 izda rega' hareg bis-sick leave mit-2 sa l-4 ta' Jannar 2004 li kien certifikat mit-tabib personali tieghu. Fil-5 ta' Jannar 2004 kien rega' marid u meta cempel lill-HR Manager dan qallu biex ma jipproduciex izjed certifikati u li ma kienx se jerga' jibghatlu t-tabib tal-Kumpanija. Qallu wkoll li jekk ried jiehu aktar sick leave kellu juza l-vacation leave tieghu u hekk ghamel. Waqt li kien ghadu ma jiflahx u kien qed juza l-vacation leave tieghu, kif kien qallu jaghmel l-HR Manager, ircieva ittra fejn il-Kumpanija qaltlu li jekk ma jaghtix spjegazzjoni ghall-assenza tieghu sas-16 ta' Jannar 2004 kien se jitkecca. Hu kien cempel lill-HR Manager u nfurmah li kien ghadu mhux f'pozizzjoni li jmur ghax-xoghol izda ftit granet wara rcieva ittra mill-Kumpanija fejn qaltlu li l-impieg tieghu gie terminat b'effett mill-4 ta' Jannar 2004. Ghalhekk kien gie mkecci ngustament.

Il-Kumpanija qalet li wara serje ta' nuqqasijiet li dwarhom tat lill-appellant kull opportunita li jispjega ruhhu baqa' ma ghamilx dan. Barra minn hekk naqas li jattendi laqgha miftehma mieghu msejha ghal dan il-ghan. Ghalhekk il-Kumpanija ma kellhiex triq ohra hlief li titterminalu l-impieg.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta li :

- l-appellant wara perijodu ta' mard dahal ghax-xoghol fl-1 ta' Jannar 2004 u mbaghad rega hareg bis-sick leave mit-2 sa l-4 ta' Jannar 2004. Izda fil-5 ta' Jannar ma dahalx ghax-xoghol.
- dak in-nhar L-HR Manager cempillu diversi drabi mit-8 ta' filghodu sa l-4 ta' wara nofs in-nhar izda hadd ma wiegeb. Kien ukoll ivverifika mal-Maltacom li l-linja ta' l-appellant ma kienetx bil-hsara.
- fil-5.30 ta' wara nofs in-nhar, aktar minn hdax-il siegha wara l-hin li kien suppost informa l-Kumpanija, cempel li ma jiflahx.
- l-HR Manager qallu biex juza l-vacation leave tieghu u meta jkun tajjeb jidhol ghax-xoghol.
- l-appellant baqa' ma dahalx ghax-xoghol u l-HR Manager bghatlu ittra bl-idejn fil-15 ta' Jannar 2004 fejn avzah li kien uza l-vacation leave kollu li kien intitolat ghalih u li fil-11, 12 u 13 ta' Jannar 2004 kien immarkat absent. Qallu wkoll li jekk sa l-ghada 16 ta' Jannar 2004 ma jmurx jispjega ruhhu l-Kumpanija kienet titterminalu l-impieg.
- fis-16 ta' Jannar 2004 filghodu cempel il-President tal-House Union lill-HR Manager u talbu biex jigi ma l-appellant biex ikellmuh u tahom appuntament ghall-ghada.
- l-ghada cempel il-President tal-House Union u qal lill-HR Manager li l-appellant ma kienx gie. Dan qallu mela l-ahjar li jaghmel kien li jmur ghalih id-dar tieghu u jgibu mieghu. Dan ghamel hekk izda ma fetahlu hadd.

It-Tribunal ikkonsidra li :

- mhux minnu li, kif qal l-appellant, kien ghadu qed juza l-vacation leave tieghu meta rcieva l-ittra tal-15 ta' Jannar 2004 ghaliex f'din l-HR Manager infurmah li kien ecceda l-vacation leave tieghu u li fil-11, 12 u 13 ta' Jannar 2004 kien meqjus li ma attendiex ghax-xoghol.
- anqas ma jirrezulta li cempel lill-HR Manager li ma kienx f'pozizzjoni li jattendi ghax xoghol ghax kien ghadu ma jiflahx meta rcieva l-ittra tal-15 ta' Jannar 2004 kif qal fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz.
- ghalkemm l-appellant ammetta li rcieva l-ittra tal-15 ta' Jannar 2004 ma ghamel xejn minn dak mitlub minnu minkejja li kien avzat li jista' jitlef l-impieg.
- l-appellant injora kull attentat tal-Kumpanija biex ittih opportunita li jispjega n-nuqqasijiet tieghu.
- l-appellant jghid li mhux veru li kellu appuntament ma l-HR Manager u ma marx izda x-xhieda tal-President tal-House Union u ta' l-HR Manager ma thalli ebda dubju dwar dan waqt li dik ta' John Vella, bazata fuq li qallu l-appellant, m'hi xejn konvincenti.

- minn meta rcieva l-ittra tal-Kumpanija fil-15 ta' Jannar 2004 b'avviz li jista' jitkecca u, xi jumejn jew tlieta wara, ohra li l-impieg tieghu qed jigi terminat ma ghamel ebda kuntatt mal-Kumpanija ghajr li fis-6 ta' Frar 2004 cempel lill-Kumpanija biex jghid li jrid jidhol ghax-xoghol.

It-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija kellha raguni tajba u sufficienti skond il-ligi biex tittermina l-impieg ta' l-appellant.

It-Tribunal jiddikjara li ma kienx possibli li jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja